**10 ta' Jannar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel Arrigo LL.D.**

Albert Sacco

*versus*

Anthony Sacco

**Deżerzjoni tal-kawżi**

*L-art. 963 tal-Kap 12 jipprovdi li l-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena. Il-kawżi, li l-proċeduri bil-miktub tagħhom ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi jitqiesu deżerti.*

Il-Qorti:-

1. Fil-5 ta' Diċembru, 1989, l-attur ippreżenta petizzjoni ta' appell kontra sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, ippronunzjata fl-10 ta' Novembru, 1989;

2. Din il-petizzjoni ma ġietx innotifikata lill-appellat Anthony Sacco jew lil martu Theresa Sacco, prokuratriċi speċjali ta' żewġha, sal-5 ta' Diċembru, 1990, u għalhekk l-istess appell

ġie kkonsidrat deżert fit-termini stipulati fl-artikolu 963(1) Kap.12;

3. Fit-**3 ta' Diċembru, 1992**, Albert Sacco ppreżenta rikors fejn talab li l-appell jiġi appuntat;

4. Fit-**15 ta' Diċembru, 1992**, Albert Sacco ppreżenta rikors fejn espona illi la huwa u lanqas l-avukat tiegħu ma ġew avvżati li l-petizzjoni ma kinetx ġiet innotifikata, u allura l-provvedimenti tad-deżerzjoni tal-kawżi, ma japplikawx u l-appell għandu jiġu appuntat, ittrattat u deċiż;

5. L-artikolu 963(1) jgħid hekk:-

"... il-proċedura bil-miktub, **f'kull kawża**, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, **fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena**";

Skond is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu, iż-żmien ta' sena jibda għaddej minn dik inhar tal-preżentata tal-petizzjoni;

L-artikolu 146(1) Kap. 12, jispeċifika illi :-

"Il-proċedura bil-miktub quddiem il-qorti fi grad ta' appell titqies magħluqa bit-tweġiba għall-petizzjoni, u fin-nuqqas ta' tweġiba għall-petizzjoni, u fin-nuqqas ta' tweġiba, bl-għeluq taż-żmien mogħti għaliha";

6. Ir-rikorrenti Albert Sacco, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Novembru, 1993, li l-Qorti kkonċedietlu li jagħmel, jinsisti, illi l-art. 963 japplika biss meta l-proċedura hija

waħda ta' libell, mentri l-liġi titkellem fuq **kull kawża**, ikun xi jkun l-att li bih ġiet proposta;

7. Ir-rikors għall-appuntament ta' l-appell sar fit-**3 ta' Diċembru, 1992**, jiġifieri sar jumejn qabel it-tieni anniversarju ta' deżerzjoni li kienet, awtomatikament, avverrat ruħha fil-5 ta' Diċembru, 1990;

8. Qed jingħad "awtomatikament" għaliex fil-art.963(5) jgħid:-

"...**il-kawżi**, li l-proċeduri bil-miktub tagħhom ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi, **jitqiesu deżerti**";

9. Għalhekk ir-rikors tat-3 ta' Diċembru, 1992, kien qed jitlob l-appuntament ta' l-appell ta' kawża li l-Qorti ma kellhiex quddiemha, u għalhekk ma setgħet bl-ebda mod tikkunsidrah, għaliex il-klawża kienet ilha sentejn li kienet diġa meqjusa deżerta;

10. Ir-riferenza għal sentenza ta' din il-Qorti li tirrisali għal qabel l-1886 hija rrilevanti għaliex l-artikoli in kwistjoni ġew sostanzjalment emendati fil-1886 u fl-19934;

11. L-aħħar rikors tal-15 ta' Frar, 1993, kien jadduċi **fatti** li l-Qorti. '*ex abundantia*', riedet tagħti l-opportunità li jiġu ttrattati, u għalhekk semgħet ir-rikorreti, fuq dawk l-allegati;

12. Dak li r-rikorrent finalment ma apprezzax huwa li l-kelma "*perentorju*" ġejja mill-verb latin "*perimo*" li tfisser – **tneħħi kompletament**, jew **tieħu kollox kompletament**, u, ewfemistikament, akkwistat is-sinjifikat ta' annullament,

distruzzjoni, annikilment, u f'dan is-sens hija id-Diġest ta' Giustiniano;

13. Abbinati l-artikolu 963 u 146 tal-Kap.12 – meħuda in konsiderazzjoni s-sens preċiż tal-kliem użat mil-liġi – din il-Qorti ma tistax ħlief tiċħad kull pretensjoni ta' Albert Sacco;

L-ispejjeż tal-proċedura finalizzata b'dan id-digriet, għall-istess Albert Sacco.